MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 505/2012

**Appell Nru. 505/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spt. M. Stella Attard)**
**Vs**
**Hubert Gatt**

**Illum 11 ta' Lulju, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 477988(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-18 ta' Lulju, 2013 ghall-habta ta' 23.00 hrs fi Triq ix-Xatt, Gzira,

1. saq vettura numru FBT-418 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta that dik il-kategorija specifikata biex isuq l-imsemmija vettura;

2. saq vettura numru FBT-418 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta biex tintuza fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda;
3. saq vettura numru FBT-418 minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Ottubru, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65, 3(1) tal-Kap. 104 sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ta' tlett (3) xhur liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-appellant jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien erbgha snin skond l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, w ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' €2,500 (elfejn u hames mitt Ewro) pagabbli fuq medda ta' sentejn u sospensjoni illi jkollu licenzja ghall-zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-5 ta' Novembru, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha
1. fl-ewwel lok, thassar, tirrevoka u tannulla d-digriet moghti mill-ewwel Onorabbli ~Qorti li permezz tieghu giet michuda t-talba ta' l-esponenti sabiex jipproduci lill-ommu ossia Maria Dolores Gatt bhala xhud u minflok taghti dawk id-direttivi kollha mehtiega sabiex tali xhud tinstema`;
2. fit-tieni lok, thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) v. Hubert Gatt, deciza nhar it-23 ta' Ottubru 2012 u konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija;
3. fin-nuqqas, u cioe` f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, dina l-Onorabbli Qorti hija mitluba tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena u tinfliggi piena iktar idonea u inqas harxa li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

L-appellanti ma kellux jinstab hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu billi mix-xhieda prodotti jirrizulta li huwa ma kienx qieghed isuq il-vettura in kwistjoni. Mix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni b'mod partikolari mill-kontro-ezami ta' PS 1354 Claudio Coppola irrizulta minghajr l-ebda ombra ta' dubju li x-xhieda tal-prosekuzzjoni ma rawx lill-appellanti jsuq il-vettura in kwistjoni. Fil-fatt, kuntrarjament ghal dak li irriteniet l-ewwel Onorabbli Qorti, ix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma xehdux li raw lill-appellanti jsuq. Inoltre, in kontro-ezami, PS 1354 Claudio Coppola ikkonferma li huma ma rawx lill-appellanti jsuq. Maghdud ma' dan kollu hemm ukoll ix-xhieda ta' l-istess appellanti mnejn irrizulta illi huma ma kienx qieghed isuq il-vettura in kwistjoni izda kienet ommu li nizlet ghalih minhabba li t-tankijiet tal-petrol kienu wisq tqal biex jingarru minnu u li sakemm gew il-pulizija lahqet qasmet it-triq sabiex tixtri mill-hanut Jubilee li jinstab faccata tal-pompa tal-petrol. Inoltre, waqt il-kontro-ezami ta' PS 1354 Claudio Coppola dan ikkontradixxa parti mill-verzjoni moghtija fl-affidavit tiegfiu in kwantu huwa stqarr li kienet omm l-appellanti li kienet tatu l-polza ta' l-assigurazzjoni mhux l-appellanti kif xehed fl-affidavit tieglu. Dan kollu jitfa' dubju serju fuq il-verzjoni moghtija mill-prosekuzzjoni fl-affidavit taghhom u ghalhekk ladarba hawnhekk qieghdin fil-kamp kriminali, l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tillibera lill-imputat minn kull akkuza migjuba fil-konfront tieghu;

F'kull kaz, l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tippermetti s-smiegh tax-xhieda ta' omm l-appellanti. B'digriet moghti waqt l-udjenza ta' nhar it-23 ta' Ottubru, 2012, l-ewwel Onorabbli Qorti cahdet it-talba relattiva f'dan is-sens fost ragunijiet ohra billi l-proceduri huma sommarji u li l-appellanti kellu l-opportunità li jtella' lill-ommu bhala xhud fis-seduti precedenti. L-appellanti ma jaqbilx u huwa ghalhekk illi flimkien ma' l-appell tieghu huwa qieghed ukoll jappella mid-digriet moghti mill-ewwel Onorabbli Qorti illi permezz tieghu giet michuda t-talba tieghu sabiex jipproduci lill-ommu bhala xhud. F'dan ir-rigward, l-ewwel Onorabbli Qorti kienet assolutament zbaljata billi fl-ewwel lok, l-udjenza ta' nhar it-23 ta' Ottubru, 2012 kienet intiza ghall-kontro-ezami ta' l-affidavits prodotti mill-

prosekuzzjoni u mhux ghax-xhieda ta’ l-appellanti. In ogni kaz, kien biss fl-udjenza ta’ nhar it-23 ta’ Ottubru, 2012, li l-prosekuzzjoni iddikjarat li ma ghandhiex aktar provi u ghalhekk l-appellanti ma setax jipproduci lill-ommu qabel bhala xhud. F’kull kaz, ladarba gie stabblit mill-kontro-eami ta’ PS 1354 Claudio Coppola li omm l-appellanti kienet involuta fl-incident in kwistjoni, huwa fl-interess tal-gustizzja li x-xhieda taghha tinstema’. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appellanti ser jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti li tirrevoka u thassar id-digriet li tat l-ewwel Onorabbli Qorti permezz ta’ liema giet michuda t-talba tieghu sabiex jipproduci lill-ommu bhala xhud u minflok taghti dawk l-provvdimenti kollha opportuni sabiex ix-xhieda taghha tinstema’;

Minghajr pregudizzju ghall-aggravji hawn fuq esposti, anke f’kaz illi dina l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell taqbel ma’ l-ewwel Onorabbli Qorti dwar is-sejbien ta’ htija ta’ l-appellanti, hemm lok illi jkun hemm mitigazzjoni tal-piena erogata billi dik il-piena hija qrib hafna l-piena massima illi setghet tinghata tenut kont tal-fatt illi l-ewwel Onorabbli Qorti ikkundannat lill-appellanti kemm ghal piena ta’ prigunerija (ghalkemm it-terminu gie sospiz) kif ukoll ghall-hlas ta multa. Ghalhekk zgur illi dejjem u f’kull kaz hemm lok ghal mitigazzjoni tal-piena erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-tmintax (18) ta’ Lulju tal-elfejn u hdax (2011) ghal habta ta’ 23:00 hrs il-pulizija li kienu fuq ronda fi Triq ix-Xatt, il-Gzira, innutaw vettura tal-ghamla Hyundai bin-numru ta’ registrazzjoni FBT 418 li kienet qed tigi misjuqa u dahlet gewwa pompa tal-petrol. Hekk kif waqqfu din il-vettura sabu illi l-licenzja kienet skaduta minn Gunju tal-elfejn u ghaxra (2010). Il-pulizija avvicinat ix-xufier li kien l-appellant Hubert Gatt fejn irrizulta illi kellu l-licenzja sospiza. Il-pulizija talbu ghal dokument tal-polza tal-assikurazzjoni u rrizulta illi dina ukoll kienet skaduta minn Gunju tal-elfejn u hdax (2011) u ma kienx hemm polza ohra valida ghal dik is-sena kurrenti.

B'sentenza moghtija fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tal-elfejn u tnax (2012) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal tlett (3) xhur prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin kif ukoll multa ta' elfejn u hames mitt ewro (€ 2,500) u sena sospensjoni tal-licenzja.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell. Dan il ghaliex skont hu mar fil-pompa tal-petrol bil-mixi b'zewg tankijiet vojta. Wara illi imlihom induna illi kienu tqal wisq biex igorrhom hu u cempel lil ommu sabiex tinzel bil-karozza u tghinu jgorr dawn it-tankijiet. Ommu nizlet bil-karozza u sadanittant waqt illi qieghed jghabbi t-tankijiet marret fil-hanut Jubilee faccata tal-pompa biex tixtri xi haga u kien f'dak il-hin illi l-appellant gie avvicinat minn zewg pulizija. minkejja illi l-appellant spjegalhom ic-cirkostanzi, il-pulizija xorta qalulu illi kienu se johorgu citazzjonijiet fil-konfront tieghu.

Din il-Qorti regghet semghet ix-xhieda mill-gdid u PS 1354 Claudio Coppola qal lil din il-Qorti illi l-appellant ammetta mieghu li kellu l-licenzja sospiza u assikurazzjoni skaduta. Is-surgent ra lill-appellant isuq. Kien qed isuq fid-direzzjoni ta' Tas-Sliema mentri l-pulizija kienu qieghdin isuqu fid-direzzjoni lejn il-Gzira. Ukoll l-appellant ta l-verzjoni tieghu u rega' ikkonferma illi huwa mar fil-pompa tal-petrol b'zewg tankijiet biex jimlihom bil-petrol ghad-dghajsa tieghu izda sabhom tqal wisq sabiex jerga' jgorrhom lura u cempel lil ommu tinzel bil-karozza kif fil-fatt ghamlet. Meta huwa kien qieghed jghabbi t-tankijiet il-pulizija gew ikellmuh u qalulu illi kien qed isuq il-vettura.

Ikkunsidrat:

Fit-trattazzjoni taghha d-Difiza argumentat illi kien hawn konflitt fil-provi li kien johloq dubbju dettat mir-raguni dwar liema verzjoni kienet aktar kredibbli – dik tal-pulizija jew inkella dik tal-appellant. L-ewwel Qorti wara illi evalwat il-provi u rat il-komportament tax-xhieda ghazlet illi toqghod fuq il-verzjoni tal-pulizija. Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha tiddisturba din id-diskrezzjoni. Jibda biex jinghad illi mhux kull konflitt fil-provi bilfors iwassal ghal xi

liberatorja. Fil-fatt, fil-kawza “Il-Pulizija versus Joseph Thorn” deciza mill-Appell Kriminali fid-9 ta’ Lulju 2003 intqal, “... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f’kaz ta’ konflitt ta’ provi, trid tevaluwa l-provi skont il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u fhiex trid temmnu jew ma temmnux.” Peress li din il-Qorti kellha l-okkazjoni illi tisma’ l-provi mill-gdid, tasal ukoll ghall-istess konkluzjoni illi x-xhieda tal-pulizija hija aktar kredibbli u l-ewwel Qorti ghamlet sew billi qaghdet fuqhom.

Ghalhekk, din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-konkluzjoni tigi disturbata.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena mhuwiex normali illi l-Qorti tal-Appell tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika illi setghet tkun mod iehor. Ta’ min jirrimarka illi l-multa u s-sospensjoni tal-licenzja huma tassattivi u l-Qorti ma tistax taghmel mod iehor. Ghalhekk anke fil-kaz tal-piena mhux il-kaz illi l-Qorti tiddisturba d-decizjoni tal-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi taqta’ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------